# REGJUN XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

## Minuti tal-Laqgha Nru. 32 / 2012

Data u hin

Il-Laqgha Nru 32/2012 tal-Ewwel Amministrazzjoni
saret il-Gimgha, 27 ta' Lulju, 2012 fis-6.00pm
fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien
f' 73 Triq Santa Marija, Tarxien.

Attendenza

**Prezenti ghal-laqgha :**

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, Sindku Tarxien |
| Is-Sur Lorry Attard | Kunsillier Birgu |
| Is-Sur Justin John Camilleri | Sindku Isla |
| Is-Sur Dominic Agius | Sindku Zabbar |
| Is-Sur Byron Camilleri | Sindku Fgura |
| Is-Sinj. Davina Sammut Hili | Sindku Floriana |
| Is-Sur Michael Cohen | Sindku Kalkara |
| Is-Sur Christopher Spiteri | Sindku Marsa |
| Il-Perit Roderick Spiteri | Sindku Paola |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**

Sindku Valletta
Sindku Bormla
Sindku Zejtun
Sindku M'Scala
Sindku M'Xlokk
Sindku Xghajra

Il-President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha li bdiet fis-6.25pm.

32.1 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

Approvazzjoni tal-Minuti

Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 30/2012 mizmuma fis-27 ta' Gunju 2012, u dawk tal-Laqgha Nru 31 mizmuma fid-19 ta' Lulju 2012 (fejn ma kienx hemm quorum), kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija, u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.
Il-Kumitat unanimament approva l-minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

32.2 **Korrispondenza**

Korrispondenza

Is-Segretarju semmiet korrispondenza li ghaddiet lis-Sindki permezz ta' e-mails :-

1) Konsultazzjoni Pubblika –Abbozz dwar Avviz Legali dwar Emissjonijiet Industrijali;

2) Stqarrija mill-President (AKL) dwar Immigranti Illegali (AKL);
3) Sejha PPCD dwar AXIS FOUR (AKL);
4) Age Friendly Environmental Awards (MEUSAC)
5) Social Entrepreneurs Awards (EY2012)

## 32.3 Punti Mqajjma

### 32.3.1 LES.

**32.3.1.1 Tabelli fejn hu Projbit it-Tipjip**

Tabelli fejn hu Projbit it-Tipjip

L-Authorised Officer tat-Tribunal tal-Belt prezenta l-istharrig li ghamel fuq il-Belt, Floriana u l-Marsa dwar tabelli apposta f' lokalitajiet specifici fejn hu projbit tipjip skond il-Memos 123/2011 u 9/2012. Jonqos li jigi sottomess l-istharrig tal-Authorised Officer, responsabbli ghat-Tribunali tal-Fgura u taz-Zejtun, tal-Kunsilli l-ohra biex eventwalment jigi prezentat rapport komplut u jittiehdu passi necessarji.

**32.3.1.2 Servizz ta' Wardens fil-Marsa bejn Marzu u Mejju 2012**

Warden Services Marsa

Saret komunikazzjoni telefonika mis-Segretarju Ezekuttiv mas-Sur Michael Formosa ta' Aurelia Enforcement Ltd li qal li ma' saret ebda kommunikazzajoni mieghu permezz ta' e-mail sabiex setgha jigi sospiz is-servizz fil-Marsa mill-ahhar ta' Frar sal-ahhar ta' Gunju.
Meta ikkomunikat dan mal-Authorised Officer, is-Sur Ernest Tonna, infurmaha li kien ghamel din ir-rikjesta mas-Sur Formosa permezz tat-telefon cellulari.
Is-Sur Tonna kellu jikkomunika mas-Sur Formosa, izda wara zewg reminders, ghadu ma rrapurtax lura lis-Segretarju Ezekuttiv.

**32.3.1.3 Tender Warden Services**

Tender Warden Services

Dwar it-Tender tas-Servizz tal-Wardens, il-President informa lil dawk prezenti li kellu laqgha ma' Guard & Warden Service House Ltd, fejn din il-kumpanija ma sabet ebda oggezzjoni li t-Tender li ghandha biex topera fil-Belt Valletta sa Dicembru 2012, jigi terminat issa.
Il-President kellu laqgha wkoll ma' Sterling Security Ltd fejn irrizulta li din il-kumpanija m' ghandha l-ebda diffikulta li ma toperax fil-Furjana u l-Marsa jekk tigi awarded it-Tender, izda tippretendi li tithallas daqs kieku qed tghati servizz fir-Regjun kollu, bin-numru ta' sieghat imnizzla fit-Tender.
Gie deciz unamimament minn dawk prezenti, li dan it-tender ghandu jinghata biex jibda jithaddem mill-ewwel ta' Novembru 2012 u dan sabiex ma jkunx hemm riperkussjonijet legali ghall-hadd minn naha ta' Aurelia Enforcemet Ltd, li l-kuntratt taghha jibqa in vigore sa l-ahhar t' Ottubru 2012.
Irid jigi mitqies ukoll li ghad trid tinghata s-sentenza f' Ottubru 2012 mill-Onor Imhallef Ray C Pace ghall-Appell li ghamlet l-istess kumpanija – wiehed irid jikkonsidra aktar zmien jekk ikun hemm differiment).
F' dawn ic-cirkostanzi kollha, ghandu jsir ftehim ma' Sterling Services Ltd bil-kundizzjoni li jekk din is-sentenza tinghata kontra r-Regjun, ikun hemm qbil li l-kuntratt jigi xolt mal-ewwel u bl-ebda mod ma jigi mfittex ir-Regjun ghad-danni.
Ir-Regjun ghandu jaghmel laqgha ma' Sterling Services Ltd biex jigi offrut dan il-ftehim u b' hekk wiehed jistenna li dan it-tender fl-ahhar jigi fis-sehh.
Fil-frattemp pero' jista jibda jithaddem is-servizz tal-ECO Wardens. Il-feedback li nghata mill-Kunsilli Lokali ghandu jigi analizzat mill-Authorised

Officer sabiex jitfassal pjan.
F' dan il-waqt saru kummenti li Sterling Services Ltd mhux qed tghati servizz tajjeb li ma jawgurax tajjeb ghal futur.

32.3.1.4 **Tender Authorised Officer Services**

Tender Authorised Officer Services

Ftit jiem wara li gew notifikati l-partijiet dwar l-ezitu tat-Tender, il-Public Contracts Review Board ikkorisponda mar-Regjun sabiex jinnotifikah li Synthesis Management Services Ltd kien prezenta appell fiz-zmien stipulat u ntbaghtet l-ittra tal-oggezzjoni.

Avukati ta' Synthesis Management Services Ltd

Fost id-dokumenti li rcieva r-Regjun, irrizulta li l-Avukati li pprezentaw l-appell kienu mill-ufficcju ta' Dr Vince Galea. Dr Vince Galea jithallas mir-Regjun ghall-Servizz ta' Prosekutur tat-Tribunal tal-Fgura. Dawk prezenti unanimament qabblu li hemm konflitt t' interess u ghandu jigi kkunsidrat x' passi ghandhom jittiehdu u dan wara li jkun accertat li fis-seduta li giet appuntata ghas-smiegh mill-PCRB nhar il-Hamis 2 t' Awwissu 2012 ikunx hemm avukati mill-ufficcju ta' Dr Vince Galea bhala avukati ta' Synthesis Management Services Ltd.

32.3.1.5 **Haddiema tat-Tribunali**

Haddiema tat-Tribunali

Inzammet laqgha fis-26 ta' Lulju 2012 bejn id-Direttur (DLG), is-Sur Michael Cohen u s-Segretarju Ezekuttiv dwar dawn il-haddiema, fejn kien hemm qbil li ghalissa l-ahjar soluzzjoni hi li s-sitwazzjoni terggha tigi rivertita ghal kif kienet fil-**bidu** tas-sena, dan billi l-kumpanija li tghati s-servizz tal-Authorised Officer terggha tiehu dawn il-haddiema maghha u toffri s-servizzi ghat-thaddim tat-Tribunali. Dan sakemm tinstab soluzzjoni li ma tippregudikax il-pozizzjoni ta' dawn il-haddiema.
Fil-fatt sa ftit qabel din il-laqgha inbaghtet korrispondenza mis-Sur Maurice Caruana fejn semma l-awtonomija tat-Tribunali u tapplika l-ligi fir-rigward tar-Registratur. Id-direzzjoni li kienet inghatat permezz ta' korrispondenza mid-Dipartiment f' Marzu 2011 u f' April 2011 ma' kienitx direttiva cara.
Ghalhekk ghanda tinzamm laqgha mal-kumpanija li tipprovdi s-servizz tal-Authorised Officer.

32.3.1.6 **Datatrak**

Datatrak Ftehim Gdid

Is-Sur Michael Cohen informa lil dawk prezenti li saru xi emendi zghar fil-ftehim il-gdid ta' Datatrak biex gew iccarati xi punti li jissalvagwardjaw l-interessi tar-Regjun in vista tas-sospensjoni li kienet giet mitluba mis-Sur Michael Cohen biex sar dan it-tibdil u ghalhekk kif jasal il-ftehim il-gdid, dan ikun jista' jigi finalizzat.

32.3.1.7 **Tribunal tal-Belt**

Tribunal tal-Belt

Il-President ressaq mozzjoni sabiex it-Tribunal tal-Belt jinghalaq peress li attwalment ir-Registru ta' dan it-Tribunal huwa inezistenti .
Dan ghaliex dan it-Tribunal partikolarment mhux jopera skond il-Ligi - **S.L.291.02 -** fejn hemm stipulat li
a) ir-Registru jkun kompetenti li johrog u jircievi kull att gudizzjarju, atti bil-miktub u dokumenti ohra mehtiega taht dan l-att
b) ir-Registru ghandu jkun miftugh ghall-pubbliku mid-9.00am sat-3.00pm mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' Marzu, u, mid-9.00am sa nofsinhar mill-1 t' April sat-30 t' Ottubru.
Gie a konoxjenza tar-Regjun, li l-atti ghas-seduti ta' dan it-Tribunal qed jigu processati minn go dar privata.

Barra minn hekk il-pubbliku mhux jinqeda meta jkun hemm bzonn isiru hlasijiet u/jew kjarifici dwar kontravenzzjonijiet, qabel, waqt jew wara s-seduti.
Il-pubbliku ma jistax ihallas il-multi li jistghu jinqghataw waqt seduta izda jigu avzati li dawn iridu jithallsu fil-Kunsilli Lokali b' detriment tar-Regjun peress li dawn kapaci jdumu ma jithallsu. Penalitajiet li jkun nghataw mill-Kummissarju tal-Gustizzja lil xi mputat ma jithallsux minnufih peress li m' hemmx kaxxier.
Gie kkunsidrat ukoll li waslu biex jaghlqu fi ftit gimghat ohra '*t-tenders*' tal-Authorised Officer u tal-Prosekutur.
Dawk kollha prezenti qabblu unanimament li ghandu jinghalaq dan it-Tribunal.
Il-mozzjoni giet issekondata mis-Sindku ta' Paola.

32.3.1.8 **Tender ghal servizz ta' Prosekutur ghat-Tribunal Lokali taz-Zejtun**

Tender Prosekutur Tribunal Lokali taz-Zejtun

Fis-16 ta' Lulju 2012 gie miftugh it-Tender ghal servizz ta' Prosekutur ghat-Tribunal Lokali taz-Zejtun. Kien hemm tlett bidders. Wara korrispondenza mad-Dipartment, ir-Regjun gie nfurmat kif ghandu jkun kompost il-Bord tal-Agudikazzjoni. Il-President informa b' dan lill-President AKL. Waqt din il-laqgha dawk prezenti unanimament qabblu li d-Dipartiment ma jistax jiddeciedi hu kif ghandu jigi kompost il-Bord tal-Agudikazzjoni meta wiehed iqis il-valur ta' dan it-tender u l-fatt ukoll li d-Dipartiment mhux jghaddi flus lir-Regjun – ir-Regjun ghandu jkun awtonomu f' sitwazzjonijiet bhal dawn. Ghalhekk il-President ressaq mozzjoni sabiex dawk prezenti jghazlu l-Bord tal-Agudikazzjonji. Din giet ssekondata mis-Sindku tal-Kalkara.
Gie deciz minn dawk kollha prezenti li l-Bord tal-Agudikazzjonji ghandu jkun kompost mill-President, bhala Chairman u membru, mis-Sindku tax-Xghajra, mill-Vici Sindku tal-Fgura u mill-Kunsillier tal-Birgu is-Sur Lorry Attard bhala membri u mis-Segretarju Ezekuttiv bhala membru u segretarju. Is-Segretarju Ezekuttiv ghadha tikkomunika maghhom biex isir appuntament.

32.3.1.9 **ECO Wardens**

ECO Wardens

Ir-Regjun ircieva l-feedback mill-Kunsilli Lokali li kienu gew mitluba li jissotomettu r-rikjesti partikolari taghkom billi jindikaw il-gurnata specifika meta preferibilment ghandu jinghata dan is-servizz fil-lokalita' taghkom, il-hin partikolari (minn / sa) u it-triq jew l-*area* partikolari – dan wara li kienet saret proposta li kien hemm qbil unanimu li kull lokal ghandu jkollu s-servizz ta' 8 sieghat ta' Eco Wardens darba kull tliet gimghat u dejjem sakemm ir-Regjun ikun f'pozizzjoni finanzjarja ahjar minn dik li jinsab fiha llum. Kien hemm suggeriment li lokalitajiet biswit xulxin jistghu jqasmu u jolternaw it-8 sieghat f' 24 siegha kull 3 gimghat bejniethom.

32.3.1.10 **CCTV Pjazza de Paule**

CCTV Pjazza de Paule

Is-Sindku ta' Paola talab li titnehha l-camera li hemm qrib il-knisja peress li qed tkun ta' inkonvenjent kbir ghall-komunita' kummercjali f' din iz-zona. Il-President talbu li ssir talba formali b' ragunijiet validi.

32.3.2 **Ufficcju Regjonali**

Ufficcju Regjonali

Fit-18 ta' Lulju 2012 gie ffirmat il-ftehim tal-kirja bejn Carmelo Bezzina u r-Regjun u thallset l-ewwel kera b' sitt xhur bil-quddiem. Ftit hin qabel ma gie ffirmat dan il-ftehim, saret spezzjoni tal-fond minn ufficjal mibghut mid-Dipartiment li rrimarka li ma kienx hemm spazzju ghat-Tribunal – dan meta minn dejjem kien intenzjonat li dan il-fond iservi ta' ufficini biss.
Wiehed irid iqis il-korrispondenza estensiva li ghaddiet bejn ir-Regjun u d-Dipartiment fuq medda ta' xhur, (inkluz il-minuti tal-Laqghat Amministrattivi relatati), fejn fost ohrajn ir-Regjun kien talab li d-Dipartiment ihallas parti mill-kera bhal ma

ghamel ma xi Regjuni ohra kif ukoll ghall-ghajnuna biex jitghammar il-fond. Ir-Regjun qed ihallas kollox mid-dhul generat minnu stess.
Dawk prezenti qabblu unanimament li ghandu jinxtara Air Conditioner u li minnufih titqabbad persuna biex tibda tiehu hsieb l-indafa ta' dan il-fond, b' direct order.
Il-Kunsilli Lokali kollha kienu gew informati permezz ta' e-mail dwar kwotazzjoni ghan-network minn KLIKK u li issa gie nstallat.
Jonqos issa li jigi komunikat mal-MITA;
Melita dahhlet is-servizz taghha;
L-ghamara qed tigi mahduma minn Quality Postform Ltd peress li din il-kumpanija kienet l-aktar kompetitiva;

32.3.3 **LOGO** — Logo

Id-Direttur talab li ssir laqgha bejnu u r-Regjun biex il-kustjoni tal-logo tigi rizolta, izda fl-istess e-mail informa lir-Regjun li hu xorta jaqbel mal-parir tal-espert eraldiku. Ghalhekk saret laqgha fis-26 ta' Lulju 2012, li kienu prezenti ghaliha is-Sur Michael Cohen, s-Segretarju Ezekuttiv u Ms Misokova. Irrizulta li issa l-kwistjoni ma kienitx il-kontenut tal-Logo izda il-hlas ghall-proposta tal-espert eraldiku. Wiehed irid iqis li l-ahhar proposta tal-logo prezentata mir-Regjun kien fiha kollox kif teknikament mehtieg u ghalhekk kellha tinghazel dik il-proposta sottomessa mir-Regjun kif imhejjija mis-Sur Anthony Degiovanni.
Ghalhekk is-Sur Cohen ressaq mozzjoni biex l-ispejjez li d-Dipartiment kien ser johrog biex jithallas l-espert eraldiku li jammontaw ghall- 400 Euro, ghandhom jinqassmu. Dawk kollha prezenti qabblu unanimament ma' din il-proposta. Din il-mozzjoni giet issekondata mill-President.
Fuq proposta tal-President dawk kollha prezenti qabblu li s-Sur Degiovanni ghandu jinghata rikonoxximent ghall-kontribut tieghu.
Ghaldaqstant ir-Regjun qed jitlob lid-Dipartiment sabiex jipprocedi u jigi ppublikat l-Avviz Legali relattiv u tigi finalizzata din is-saga.

32.3.4 **Laqgha Amministrattiva** — Laqgha Amministrattiva

L-ewwel Laqgha Amministrattiva tar-Regjun inzammet nhar is-Sibt, 14 ta' Lulju 2012 fil-Lukanda Osborne, il-Belt Valletta. Gie rimarkat mill-President li din il-Laqgha marret vera tajjeb izda kien dizapuntat mill-attendenza li setghet kienet hafna ahjar minkejja li s-Segretarju Ezekuttiv baqghet sa l-ahhar gurnata tikkomukika mas-Sindki biex forsi jizdiedu l-partecipanti.

## 32.4 <u>Affarijiet Finanzjarji</u>

32.4.1 **Hlasijiet** — Hlasijiet

Giet prezentata Payment Schedule u dawk prezenti approvaw il-hlasijiet indikati fl-istess *schedule*.

32.4.2 **Talba ghal rifuzjoni ta' kontravenzjoni** — Talba ghal rifuzjoni ta' kontravenzjoni

Is-Segretarju Ezekuttiv resqet talba tas-Sur H J Reit sabiex dan jigi moghti lura l-flus li hallas ghall-kontravenzjonijiet simili u mahruga fl-istess gurnata u li jmorru lura ghall-Frar 2012. Kienu nharrgu zewg kontravenzjonijiet, wahda mill-Pulizija u l-ohra madwar 15-il siegha wara minn Warden. Qatt ma saret petizzjoni. Dawn thallsu mill-kumpanija Aquarius, kumpanija li kien kera l-karozza minghada is-Sur H J Reit. Hu kien oggezzjoni meta nduna li Aquarius gibdet flus minn kont tieghu biex thallsu iz-zewg citazzjonijiet Dawk prezenti qabblu li din il-kwistjoni kellha tigi rizolta bejn is-Sur H J Reit u Aquarius a bazi tal-ftehim tal-kiri tal-karozza li dahal ghalih is-Sur H J Reit ma' Aquarius.

32.5 **Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament** Gheluq

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30 pm. Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm it-Tnejn, 27 t' Awwissu 2012, fis-6.00 pm, fil-boardroom tar-Regjun Xlokk.

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | M' Lourdes Lautier |
| President | Segretarju Ezekuttiv |

Minuti approvati llum ________________, _______ ta'___________________2012.
(Jum) (Data) (Xahar